MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2005

Talba Numru. 1602/2004

**Vodafone Malta Limited**

**Vs**

**Elizabeth Grixti**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-17 ta' Awissu 2004 fejn intalab li l-konvenuta ghandha tigi kkundannata thallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba mija u tmienja u hamsin lira u sebghin centezmu (Lm458.70) rapprezentanti hlas dovut in konnessjoni ma servizzi rezi fuq mobile phone bin-numru 9987 7224 u dana stante li l-istess konvenuta kienet giet interpellata inutilment.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta sekwestru prezentat kontestwalment ma` dan l-avviz u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment il-konvenuta naqset u ma dehritx la fis-seduta tal-25 ta Novembru 2005, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u l-anqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta sodisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma kif rikjesta ta' erba mija u tmienja u hamsin lira u sebghin centezmu (Lm458.70) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta' din is-sentenza u bl-ispejjez kollha kif mitluba nkluz ta' dina l-istanza kontra l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------